# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.6

**Kap 5: Il-ħbieb tagħna!**

**Lezzjoni: 5.6 Il-ħbieb ta' Ġesù**

**L-Għanijiet:**



L-istudenti:

1. Jifhmu li Ġesù wkoll kellu l-ħbieb.
2. Jagħrfu li Ġesù kellu ħbieb differenti.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Song: Hey Jesus loves you

http://www.youtube.com/results?search_query=Hey+Jesus+loves+you&sm=12

- Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.



**Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bdu**

- Ibda l-lezzjoni billi tispjega li l-Bibbja tgħid li n-nies riedu jkunu viċin ta' Ġesù. Riedu joqogħdu miegħu. Riedu jkunu l-ħbieb tiegħu. L-aħħar messaġġ li Ġesù qal lid-Dixxipli tiegħu kien li Hu jrid ikun il-ħabib tagħna.
- Staqsi: Għaliex taħseb li n-nies riedu jkunu ħbieb ta' Ġesù?



**Nisimgħu flimkien (actual lesson)**

- Fakkar li : Ħabib huwa xi ħadd li jaċċetak kif int, jemmen fik u jinkuraġġik, xi ħadd li tafdah u li jaħfirlek meta tiżbalja. Ġesù hekk jixtieq ikun magħna. Ġesù jixtieq ikun l-akbar ħabib tagħna. Fil-Bibbja aħna naraw kif Ġesù kien mal-ħbieb tiegħu.
- Spjega li Ġesù jaħfrilna meta niżbaljaw:

  Pietru li kien wieħed mid-dixxipli u wieħed mill-ħbieb ta' Ġesù, kien jaf min hu Kristu, li hu l-Iben t'Alla. Kull fejn kien imur Ġesù, Pietru dejjem kien miegħu. Meta darba Ġesù qallu li xi darba kien ħa jiċħdu, Pietru mill-ewwel qallu li mhux x'se jagħmel hekk.



Iżda fil-mument ta' prova, meta Ġesù ġie arrestat, Pietru qagħad 'il bogħod biex ma jagħrfuhx. Kien imbeżżà' u konfuż. Meta saqsewh jekk kienx ma Ġesù, hu mill-ewwel ċaħad li ma kienx jafu. Anzi ċaħdu tliet darbiet. Ġesù ddispjacih. Pietru x'ħin induna tgħidx kemm beka bid-dispjaċir għax ftakar x'kien qallu Ġesù. Ġesù, f'dak il-mument tant ikrah, kellu bżonn tal-ħbieb, iżda kollha ħarbu. Pero' Ġesù reġa' ta lil Pietru ċans ieħor u ħafirlu. Minħabba li Kristu ħafirlu, Pietru ħabb iżjed lil Ġesù u għamlu mexxej tal-Knisja fejn ressaq ħafna nies lejn Kristu.

- Iddiskuti kif Ġesù wkoll kien jaqsam il-ħsibijiet tiegħu mad-dixxipli bħal meta ra lill-armla fqira titfa' biċċtejn żgħar, li kien kulma kellha. Ġesù wera lid-dixxipli kemm Alla japprezza kull ħaġa li nagħmlu għall-ħaddieħor.
- Fiehem li Ġesù kien iqatta' l-ħin mal-appostli u jgħix magħhom. Kien jaf li kienu dgħajfa iżda kien jaċċettahom kif inhuma.
- Spiċċa l-lezzjoni bis-*song: Hey Jesus loves you*. Jekk trid għandek ukoll Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesu' kien lest li jaqsam il-ħsibijiet u l-esperjenzi tiegħu mal-appostli u mhux jitkabbar.
2. Ġesu' hu dejjem lest li jaħfrilna meta nizbaljaw u nuru li jiddispjaċina.
3. Nkunu leali lejn ħbiebna u onesti magħhom.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



- Meta naraw li l-ħbieb tagħna huma għaddejjin minn mument ta' tbatija nkunu lesti li naqsmu l-faraġ magħhom.
- Bħal Ġesù nkunu lesti li naħfru lil sħabna meta jonqsuna u mhux inżommu f'qalbna.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**



Youtube – hey Jesus loves me.

http://www.youtube.com/results?search_query=Hey+Jesus+loves+you&sm=12

**Nitolbu**

Ikteb talba lill-Mulej ħalli jgħinek tkun ħabib tajjeb jew ħabiba tajba.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

